# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 2 ta' Frar 2023**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Guramentat Numru:- 944/2022 JVC**

**Joseph sive Joseph Emanuel Sultana**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrent Joseph sive Jospeh Emanuel Sultana premetta u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-esponent twieled f'Malta fil-11 ta' Mejju 1978, liema twelid gie ufficjalment registrat permezz tac-certifikat tat-twelid numru 2405/1978 (anness bhala "Dok A");

2. Illi fl-imsemmi certifikat, l-isem li bih ghandu jissejjah l-esponent huwa indikat bhala "Joseph"u fil-fatt dan huwa l-isem li hu kienet inghatat mill-genituri taghha mat-twelid. Fuq l-istess certifikat hemm indikati ukoll l-ismijiet "Emanuel", "Anthony" u "Sebastian";

3. Illi madankollu, fil-hajja personali u ta' kuljum tieghu, l-esponent huwa maghruf bl-isem "Joseph Emanuel" Sultana u dan huwa l-isem li l-esponenti juza ghalih innifsu u li bih huwa konsistentement maghruf skont kif trid il-ligi;

4. Illi l-esponenti originarjament beda jissejjah bl-isem "Joseph Emanuel" sabiex ikun hemm differenzjazzjoni minn membri ohrajn tal-familja, inkluz in-nannu patern tal-esponent li kellhom l-istess isem;

5. Illi gialadarba l-esponent ilu maghruf bl-isem "Joseph Emanuel" ghal tant zmien u huwa maghruf b'dan l-isem fil-hajja personali tieghu u fost il-familja, l-interess tal-esponenti fit-talba odjerna huwa wiehed naturali, car u manifest.

**Ghaldaqstant, l-esponenti, *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jintalab bir-rispett illi wara d-debita publikazzjoni tal-avviz fil-Gazetta tal-Gvern u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

1. **Tiddikjara u tordna illi "Joseph Emanuel" Sultana huwa l-isem li r-rikorrent juza ghalih u li bih huwa konsistentement imsejjah;**

**2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda c-certifikat tat-twelid tar-rikorrent li jgib in-numru 2405/1978 u kull certifikat iehor jew dokument verjuri relattiv ghar-rikorrent biex b'hekk l-isem kif ghandu jissejjah jigi mibdul minn "Joseph" ghal "Joseph Emanuel".'**

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi mill-Att tat-Twelid tar-rikorrent, innumerat 2405/1978, kopja ta' liema ġiet annessa mir-rikorrent mar-rikors promotur u mmarkata Dok. A, jirriżulta illi huwa twieled f'Malta, fil-11 ta' Mejju tal-1978, lil Lawrence u lil Lucia Sultana, u li Joseph kien iddikjarat bħala l-isem kif għandu jissejjaħ. Dan mhuwiex ikkontestat, anzi huwa rikonoxxut mill-istess rikorrent;

4. Illi kien il-missier, Lawrence Sultana, li għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid tar-rikorrent u li ddikjara li l-ismijiet illi għandhom jingħatawlu huma Joseph, Emanuel, Anthony, Sebastian, filwaqt li għandu jissejjaħ bl-isem Joseph. Dan jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid imsemmi, u kien ikkonfermat

fid-dikjarazzjoni tat-twelid, li kien iffirma l-istess Lawrence Sultana;

5. Illi mill-atti tar-rikorrent li huma rreġistrati fir-reġistru pubbliku, jirriżulta li huwa żżewweġ fl-2005, u li ismu fuq l-att taż-żwieġ innumerat 519/2005 huwa indikat bħala Joseph. L-isem Joseph jidher ukoll fuq l-att tat-twelid taż-żewġ uliedu, li huma nnumerati 853/2007 u 1318/2010, u li fihom ukoll il-firma tar-rikorrent innifsu, u għalhekk huwa evidenti li ma sar ebda żball da parti tal-esponent;

6. Illi r-rikorrent ipproċeda bil-kawża istanti bil-għan illi din l-Onorabbli Qorti tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tiegħu u fl-atti l-oħrajn fejn jidher ismu, stante illi huwa ddikjara li minkejja li Joseph huwa l-isem li ingħatalu mill-ġenituri tiegħu, fil-ħajja ta' kuljum huwa konsistentement magħruf bl-isem Joseph Emanuel. Ir-rikorrent fil-fatt jispjega li kien beda jissejjaħ Joseph Emanuel anke biex ikun hemm distinzjoni minn membri oħrajn tal-familja tiegħu li għandhom l-istess isem, fosthom in-nannu patern;

7. Illi fiċ-ċirkostanzi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

8. Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tat-tieni talba attriċi, fejn qed tintalab il-korrezzjoni ta' "kull ċertifikat ieħor jew dokument verjuri relattiv għar-rikorrent", qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-

talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrent għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

9. Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.'

Rat illi a fol. 11 tal-process giet esebita l-publikazzjoni skont il-Ligi.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mertu il-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat. Rat partikolarment l-affidavits ta' Laurence Sultana, Lucia Sultana u tal-istess rikorrent li lkoll jikkonfermaw illi r-rikorrent huwa magħruf bl-ismijiet ta' 'Joseph Emanuel' u mhux biss l-isem ta' 'Joseph'.

Semgħet ix-xhieda tal-istess rikorrent llum stess fejn esebixxa dokumentazzjoni maħruġa mill-ARMS Limited li turi illi huwa juża l-ismijiet ta' 'Joseph Emanuel' u mhux l-isem biss ta' Joseph. Semmghet lir-rikorrenti jikkonferma li huwa ilu juża l-isem 'Joseph Emanuel' sa minn meta kien żgħir. Illi in vista ta' dawn il-provi l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrent huma ġustifikati u ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Deċizjoni**

Għaldaqstant għar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawża kif isegwi:

1. Fl-ewwel lok tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tordna illi 'Joseph Emanuel' Sultana huwa l-isem li r-rikorrenti juża għalih u li bih huwa konsistentement imsejjaħ;

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jemenda ċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrent li jġib in-numru 2405 tas-sena 1978 u kull ċertifikat ieħor jew dokument verjuri relattiv għar-rikorrent fil-poter tad-Direttur intimat sabiex b'hekk l-isem kif ghandu jissejjaħ jiġi mibdul minn "Joseph" għal "Joseph Emanuel";

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan fit-termini tal-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**2 ta' Frar 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**2 ta' Frar 2023**